Johann Strauss
SCHOOL OF MUSIC MALTA

# MANWAL

[v.20162017]

# DIKJARAZZJONI TAL-MISSJONI

**Il-missjoni ewlenija tal-iSkola tal-Mużika ta' Malta, Johann Strauss, hu li tgħin lil kull student jilħaq l-ogħla potenzjal f'daqq profiċjenti, eżekuzzjoni, kreattività, u fil-*musicianship*, permezz ta' numru ta' programmi mużikali stimulanti, effettivi u individwali, kif ukoll permezz ta' opportunitajiet distintivi.**

## WERREJ

DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM MATUL IL-ĦAJJA U STUDENTI LI JĦALLU L-ISKOLA KMIENI, MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL ... 5
KUNSILL TAL-ISKOLA ... 5
BORD TAL-ISTUDJI ... 6
DETTALJI TA' KUNTATTI TAL-ISKOLA ... 6
ĦINIJIET TA' FTUĦ ... 6
WEBSAJT ... 6
APPLIKAZZJONIJIET ... 7
AWDIZZJONIJIET ... 8
KORSIJIET ... 8
Il-Kors ta' Studji Mużikali Regolari ... 9
Il-Kors ta' Studji Mużikali ta' *Leisure* ... 9
Introduzzjoni għall-Mużika ... 9
DONAZZJONI GĦALL-UTILITAJIET ... 10
KALENDARJU TAL-ISKOLA ... 10
TUL TAL-LEZZJONIJIET ... 10
STRUMENTI ... 11
KOTBA ... 11
ĠURNALI ... 12
PRATTIKA FID-DAR ... 12
PRATTIKA FL-ISKOLA ... 12
XOGĦOL GĦAD-DAR/XOGĦOL TAL-KORS ... 13
KUNĊERTI/LAQGĦAT FI GRUPPI ... 13
INVOLVIMENT TAL-ĠENITURI ... 13
JUM IL-ĠENITURI ... 14
KOMUNIKAZZJONI ... 14
Komunikazzjoni mal-għalliema ... 15
Komunikazzjoni mal-Uffiċċju Ewlieni ... 15
Komunikazzjoni mal-Amministratur tal-Iskola ... 15
Tagħrif ieħor ... 15
BŻONNIJIET SPEĊJALI ... 15
AKKUMPANJAMENT ... 16
KOR ... 16
ORKESTRA, BANED U ENSEMBLES ... 16
SELF TA' STRUMENTI ... 17
KARTA TA' LEALTÀ ... 17
L-ERJA TAL-ISTUDJU/STENNIJA ... 17
PUNTWALITÀ ... 17

MĠIBA ..... 18
KODIĊI TA' LBIES ..... 18
UŻU TA' TELEFON ĊELLULARI ..... 18
NDAFA ..... 18
TIPJIP ..... 19
IKEL U XORB ..... 19
ANNIMALI DOMESTIĊI ..... 19
TAĦRIĠ F'KAS TA' NIRIEN ..... 19
ASSENTEIŻMU ..... 19
MARD ..... 20
EŻENZJONIJIET ..... 20
RIŻENJI ..... 20
ASSESSJAR U EŻAMIJIET ..... 21
Assessjar kontinwu ..... 21
Assessjar tal-Prattika f'Nofs is-Sena ..... 21
Assessjar tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika f'Nofs is-Sena ..... 21
Eżamijiet Annwali ..... 22
Format u Markar ..... 22
Tul tal-Eżamijiet Annwali tal-Prattika ..... 23
Tul tal-Eżamijiet Annwali tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika ..... 23
Fallimenti ..... 23
ĊERTIFIKAZZJONI ..... 24
AKKREDITAZZJONI ..... 24
DIPLOMA ..... 24
Struttura ..... 25
Diploma fil-Mużikoloġija ..... 25
Assessjar u Piżijiet ..... 26
Ħtiġijiet għad-Dħul ..... 28
EŻAMIJIET TAL-PRATTIKA ..... 28
Traskrizzjoni ..... 28
Estensjonijiet u Eżenzjonijiet ..... 28
Fallimenti ..... 29
Appelli ..... 29
*Chamber Music* ..... 29
Akkumpanjament ..... 29
Programmi u Dissertazzjonijiet ..... 30

**DIRETTORAT GĦAT-TAGĦLIM MATUL IL-ĦAJJA U STUDENTI LI JĦALLU L-ISKOLA KMIENI, MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U XOGĦOL**

Id-Direttorat għat-Tagħlim Matul il-Ħajja u Studenti (DLLESL) li Jħallu l-iSkola Kmieni, fil-Ministeru tal-Edukazzzjoni u Xogħol huwa responsabbli għall-iskejjel tal-Arti Viżiva u Preżentattiva f'Malta u f' Għawdex jiġifieri:

- Johann Strauss School of Music
- Malta Drama Centre - Mikelanġ Borg
- School of Art (Malta)
- Visual and Performing Arts School (Gozo)

L-iskejjel tal-Arti Viżiva u Preżentattiva jipprovdu taħrig fl-arti, danza, reċtar u mużika. Il-punt fokali ewlieni huwa li jipprovdu kurrikulum li għandu bħala ċentru l-istudent, li jippromovu l-kreattivita', innovazzjoni, parteċipazzjoni, riflessjoni, awtonomija personali u l-iżvilupp ta' kull min qed jitgħallem matul il-ħajja.

Dawn l-iskejjel joffru espożizzjonijiet effettivi li jwasslu għall-esperjenzi edukattivi u prattiċi sinifikattivi ta' kreattivita'. Dawn l-iskejjel jilagħbu rwol importanti fl-iżvilupp tal-udjenza futura li tapprezza u tipparteċipa b'mod attiv f'avvenimenti kulturali nazzjonali u internazzjonali.

**KUNSILL TAL-ISKOLA**

L-elezzjonijiet għall-Kunsill tal-iSkola jsiru skont l-Att tal-Edukazzjoni 1988 (Kap. 327 Art. 61) kif stipulat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Il-Kunsill tal-Iskola huwa kompost minn:

- President li huwa nominat mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Xogħol
- Segretarju /Teżorier li jkun l-Amministratur tal-iSkola / Kap tal-iSkola
- Tliet għalliema
- Tliet Studenti adulti / ġenituri / gwardjani li l-tfal tagħhom jattendu din l-iSkola.

Il-Kunsill tal-iSkola huwa aspett essenzjali fil-proċess demokratiku tal-iskola. Il-Kunsill tal-iSkola jipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-fondi tal–Kunsill tal-iSkola u l-assi tal-iskola; jiddiskuti l-ambjent tal-iskola, il-kurrikulu u s-servizzi edukattivi.

**BORD TAL-ISTUDJI**

Il-Bord tal-Istudji tal-iSkola hu magħmul hekk:

- L-amministratur tal-iSkola
- Uffiċjal Edukattiv jew Koordinatur mid-DLLESL
- Rappreżentant mill-iSkola tal-Arti Viżiva u Performattiva t'Għawdex
- 6 Edukaturi
- 3 Studenti Adulti / Ġenituri / Gwardjani
- Konsulent estern

Il-Bord tal-Istudji jevalwa u jtejjeb l-istandards akkademiċi u jassigura l-kwalita' tal-edukazzjoni ġewwa l-iskola.

**DETTALJI TA' KUNTATTI TAL-ISKOLA**

Imejl: jstrauss.music.sch@gov.mt
Numru tal-telefon: + 356 2124 2549
Numru tal-mowbajl: +356 7924 2549
Indirizz: 32, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun ĦMR1304
Websajt tal-iSkola: www.schoolofmusic.edu.mt
Websajt tad-Direttorat: www.lifelonglearning.gov.mt

**ĦINIJIET TA' FTUĦ**

| | |
|---|---|
| Uffiċċju: | Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9.00 a.m. sa 12.00 p.m. u mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m. |
| | Is-Sibt mid-9.00 a.m. sa 12.00 p.m. biss |
| | Matul is-Sajf filgħodu biss |
| Lezzjonijiet: | Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-2.30 p.m. sas-7.45 p.m. |
| | (filgħodu f'każijiet speċifiċi biss) |
| | Is-Sibt mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m. |

**WEBSAJT**

Il-websajt tal-iskola tkun aġġornata regolarment u tinkludi:
Il-paġna ewlenija – Aħbarijiet, Avviżi, Avvenimenti li jkunu se jsiru

Il-paġna tal-Korsijiet – Korsijiet, Linji Gwida, Kif wieħed japplika, Miżati u Pagamenti

Il-paġna tal-iStudenti – Il-Kor, L-Orkestra, L-Ensembles, Servizzi u Riżorsi

Il-paġna tal-Bord tal-Avviżi – Notamenti, Aħbarijiet, Avviżi, il-Kalendarju

Il-paġna dwarna – L-iSkola, il-Kunsill tal-Iskola, It-Tim, Bijografiji, Kollaborazzjonijiet

Il-paġna biex tikkuntatjana - Mappa, Imejl, Dettalji ta' Kuntatti

**APPLIKAZZJONIJIET**

- L-Applikazzjonijiet ikunu miftuħa matul ix-xhur tas-sajf. Tistgħu tiċċekjaw ta' spiss fil-websajts tal-iSkola / Direttorat għal dati aktar eżatti. L-applikazzjonijiet jistgħu jinfetħu fi żminijiet oħra matul is-sena skont il-vakanzi li jinħolqu.
- L-Applikazzjonijiet jsiru on-line permezz tad-Direttorat tat-Tagħlim matul il-Ħajja
- L-iStudenti għandhom l-ewwel jagħżlu u japplikaw għall-klassi tal-Għarfien u Fehim tal-Mużika; wara jagħżlu l-istrument preferut kif indikat fl-istess proċess ta' applikazzjoni.
- Studenti li jkunu ġa jattendu l-iskola għandhom japplikaw mill-ġdid biex jissoktaw l-istudji tagħhom.
- L-iStudenti ta' 'l fuq minn 16-il sena jridu jħallsu miżata annwali stabilita mid-Direttorat tat-Tagħlim matul il-Ħajja. Il-pagament jista' jsir on-line.
- Studenti li jkollhom Ċertifikat fit-Tmien Grad tat-Teorija (miksub fl-aħħar tliet snin) mogħti minn korp rikonoxxut mill-NCFHE jistgħu ikunu eżentati mill-klassijiet ta' Għarfien u Fehim tal-Mużika
- Applikanti ġodda jkunu aċċettati kif ġej:

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni għall-Mużika | ta' età ta' 6 u 7 snin |
| Għarfien u Fehim tal-Mużika | minn 8 snin 'il fuq |
| Strument | minn 8 snin 'il fuq |
| Vuċi Klassika, Kitarra Baxxa, Kitarra Kontemporanja | minn 13-il sena 'l fuq |
| Improvizzazzjoni tal-*Jazz* u Għarfien u Fehim tal-*Jazz* | minn 13-il sena 'l fuq |
| Korsijiet tal-Adulti | minn 25 sena 'il fuq |

L-età msemmija hawn fuq trid tkun intlaħqet sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena skolastika.

- Applikazzjonijiet ta' Tiġdid jiġu aċċettati kif ġej:

Studenti li attendew l-iskola matul is-sena skolastika ta' qabel;

Studenti li ġew uffiċjalment eżentati għal perjodu stipulat fis-sena ta' qabel.

Student jista' japplika biss għat-tieni strument, jekk ikun akkwista distinzjoni fi Grad 3 fl-ewwel strument. Barra minn hekk rakkomandazzjoni mill-għalliem tal-ewwel strument hi obbligatorja.

Student jista' japplika biss għat-tielet strument, jekk ikun akkwista distinzjoni fi Grad 5 fl-ewwel strument u distinzjoni fi Grad 3 fit-tieni strument. Rakkomandazzjoni mill-għalliema tal-ewwel u t-tieni strument hi obbligatorja.

**AWDIZZJONIJIET**

- L-istudenti (kemm dawk prinċipjanti u kemm dawk bi sfond mużikali) jiġu msejħa għal awdizzjoni qabel ma jiġu aċċettati mill-iskola. L-awdizzjonijiet jinkludu intervista u provi qosra fil-taħbit regolari, ritmu u tonalità.
- Dawk l-applikanti li huma kapaċi jesebixxu, jkunu mistennija li jdoqqu/jkantaw biċċa mużika waqt l-awdizzjoni. L-applikanti tal-Vuċi jridu jkantaw biċċa mużika *a cappella*. Applikanti oħra li jixtiequ li waqt l-awdizzjoni jkunu akkumpanjati bil-pjanu jridu jġibu l-pjanista tagħhom.
- Applikanti li kapaċi jesebixxu jkunu mitluba jdoqqu silta li tingħatalhom dak il-ħin
- Meta u fejn hu possibli, l-applikanti jridu jġibu l-istrument tagħhom
- L-applikanti jkunu mqiegħda f'ordni ta' mertu u jiġu msejħa għal-lezzjonijiet skont il-vakanzi li jkun hemm. Dan jista' jseħħ fil-bidu ta' Ottubru kif ukoll matul is-sena skolastika.

**KORSIJIET**

- Introduzzjoni għall-Mużika
- Korsijiet Strumentali: Pjanu, Vjolin, Vjola, Vjolinċell, Obwe, Flawt, Klarinett, Sassofanu, Kurunetta, Trumbetta, Trumbun, Ewfonju, Kornu, Altħorn, Arpa, Kitarra Klassika, Kitarra Kontemporanja, Kitarra Baxxa, Vuċi Klassika, Vuċi Kontemporanja, Akkordjan, Ċirimelli, Perkussjoni, Improvizzazzjoni tal-*Jazz*
- Għarfien u Fehim tal-Mużika, *Solfeggio* u Għarfien u Fehim tal-*Jazz*
- Wara l-kisba ta' Grad 2 l-istudenti tat-tnabar u l-perkussjoni jkollhom jagħżlu bejn id-Drum Kit u l-Perkussjoni bħala suġġett prinċipali
- Kor

Dawn hawn fuq imsemmija jistgħu jittieħdu bħala Kors ta' Studji Mużikali Regolari jew bħala Kors ta' Studji Mużikali ta' *Leisure* bl-eċċezzjoni tal-Introduzzjoni għall-Mużika.

**Il-Kors ta' Studji Mużikali Regolari**

jikkonsisti f'dan li ġej:

- Tul totali ta' 10 jew 11-il sena skolastika
- Lezzjonijiet ta' Għarfien u Fehim tal-Mużika huma obbligatorji sa Grad 8 jew ekwivalenti
- Lezzjonijiet tal-Prattika bl-istrument/i ppreferut/i
- Assessjar formali u eżamijiet annwali
- Ix-xogħol tal-Kors li huwa nkluż fl-assessjar u l-marki tal-eżami
- Ċertifikazzjoni Annwali

Dawn il-korsijiet huma offruti lil studenti ta' minn 8 snin 'il fuq. Kitarra Kontemporanja, Kitarra Baxxa, Vuċi Kontemporanja, Improvizzazzjoni tal-*Jazz*, huma offruti lil studenti ta' minn 13-il 'l fuq.

Dawn il-korsijiet huma kollha akkreditati. Ara paġna 24.

**Il-Kors ta' Studji Mużikali ta' *Leisure***

jikkonsisti f'dan li ġej:

- Dewmien massimu ta' sena jew 3 snin
- Għarfien u Fehim tal-Mużika huma obligatorji biss għal studenti ġodda li m'għandhomx tgħarif bażiku ta' notazzjoni
- Lezzjonijiet ta' Prattika fl-istrument magħżul
- Assessjar informali annwali
- Ċertifikat ta' attendenza jingħata fl-aħħar tal-kors ta' sena jew ta' 3 snin

L-istudenti adulti jistgħu jerġgħu jattendu għal Kors ta' Studji Mużikali ta' *Leisure* wara li jgħaddu tliet snin.

Dan il-kors hu offrut biss lil studenti adulti ta' 'l fuq minn 25 sena.

**Introduzzjoni għall-Mużika**

- Dan huwa kors ta' sentejn għal tfal ta' 6 u 7 snin
- L-istudenti jitgħallmu l-kunċetti bażiċi ta' ritmu u tonalità permezz tal-metodi ta' Orff, Kodaly u Dalcroze. It-tfal jiġu mgħallma fi gruppi fejn jintużaw strumenti tal-perkussjoni u riżorsi varji.

- Assessjar f'nofs is-sena u eżamijiet annwali jsiru kull sena
- Dawk l-istudenti li jixtiequ jieħdu strument mużikali wara li jintemm dan il-kors xorta jridu japplikaw u jattendu għal awdizzjoni

**DONAZZJONI GĦALL-UTILITAJIET**

Minn Ottubru 2017, kull student hu mitlub li jagħti donazzjoni ta' €10 għall-utilitajiet. Ħlas b'ċekk għandu jsir għand l-Amministrazzjoni sa xahar wara l-bidu tal-kors. Ċekkijiet għandhom ikunu magħmula fuq: Skola tal-Mużika ta' Malta Johann Strauss. Din id-donazzjoni ma tintraddx lura.

**KALENDARJU TAL-ISKOLA**

- Dan jinħareġ fuq il-websajt tal-iskola fil-bidu ta' kull term
- Dan ikun jinkludi dati tal-assessjar, eżamijiet annwali, jum il-ġenituri, il-ġimgħa tal-kunċerti tal-klassi u avvenimenti oħra
- Dan jindika l-vaganzi u dati / ħinijiet oħra meta l-lezzjonijiet ikunu kkanċellati minħabba laqgħat mal-istaff u attivitajiet interni oħra

**TUL TAL-LEZZJONIJIET**

L-iskola tagħmel ħilitha kollha biex iżżomm it-timetable tal-lezzjonijiet. Biss, f'kas ta' ċirkustanzi mhux mistennija, l-iskola tirriserva d-dritt li tibdel il-jum u/jew il-ħin tal-lezzjonijiet skont il-bżonn. L-istudenti jkunu mgħarrfa b'kull tibdil li jseħħ.

**Il-lezzjonijiet tal-Prattika** huma kull ġimgħa fuq bażi individwali. It-tul tagħhom huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni għall-Mużika (Prep 1) | 60 minuta |
| Introduzzjoni għall-Mużika (Prep 2) | 60 minuta |
| Kors ta' *Leisure* | 30 minuta |
| Preliminarju | 45 minuta |
| L-Ewwel Grad | 45 minuta |
| It-Tieni Grad | 45 minuta |
| It-Tielet Grad | 45 minuta |
| Ir-Raba' Grad | 45 minuta |
| Il-Ħames Grad | 45 minuta |

| | |
|---|---|
| Is-Sitt Grad | 60 minuta |
| Is-Seba' Grad | 60 minuta |
| It-Tmien Grad | 60 minuta |
| Diploma | ara paġna 24 |

**Il-lezzjonijiet tal-Għarfien u Fehim tal-Mużika** huma kull ġimgħa. L-istudenti jkunu fi gruppi u t-tul tal-lezzjonijiet huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Preliminarju | 60 minuta |
| L-Ewwel Grad | 90 minuta |
| It-Tieni Grad | 90 minuta |
| It-Tielet Grad | 90 minuta |
| Ir-Raba' Grad | 120 minuta |
| Il-Ħames Grad | 120 minuta |
| Is-Sitt Grad | 120 minuta |
| Is-Seba' Grad | 150 minuta |
| It-Tmien Grad | 150 minuta |
| Diploma | ara paġna 24 |

**STRUMENTI**

- L-istudenti huma mħeġġa biex jixtru / jikru / jissellfu strument xieraq sabiex jipprattikaw fuqu tul il-kors kollu PREFERIBBILMENT wara l-ewwel lezzjoni iżda mhux aktar tard mir-raba' lezzjoni
- Il-ġenituri jistgħu jitolbu parir fuq l-għażla tal-istrument mingħand l-għalliema rispettivi. Huwa OBLIGATORJU li kull student ikollu l-istrument biex jipprattika kuljum fuqu.
- Il-Kors jista' jiġi mitmum jekk l-istudent jibqa' mingħajr strument. Ċerti strumenti jistgħu jiġu mikrija mingħand l-iSkola stess.

**KOTBA**

L-istudenti huma mistennija li jkollhom il-kotba tagħhom.

Fil-bidu tas-sena, l-għalliema tal-prattika jagħtu ħjiel tal-kotba bżonnjużi għal matul il-kors. Il-kotba jistgħu jvarjaw minn student għal ieħor.

Il-kotba tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika jistgħu jinxtraw bħala pakkett mill-uffiċċju ewlieni fil-bidu tas-sena skolastika.

Fotokopji jinħtieġ li jinżammu mill-inqas kemm jista' jkun. Fotokopji jistgħu jsiru fl-uffiċċju ewlieni bil-5 ċenteżmu kull karta A4 u 10 ċenteżmi kull karta A3. Il-liġi tad-Dritt tal-Awtur għandha tiġi dejjem osservata.

**ĠURNALI**

- Il-ġurnali tal-Prattika u tal-Għarfien u l-Fehim iridu jinxtraw mill-iskola
- Irid ikun hemm ġurnal separat għal kull strument li qed jiġi pprattikat
- Dan il-ġurnal jrid jinġieb l-iskola għal kull lezzjoni tal-Prattika u tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika
- Ix-xogħol għad-dar li jingħata kull ġimgħa għandu jitniżżel fuq il-ġurnal u tingħata marka / grad għal kull lezzjoni. Din il-marka / grad tirrifletti l-progress tal-istudenti u jkollha saħħa ta' 20% fr-riżultat aħħari.
- Il-ġenituri/ gwardjani huma obbligati li jiffirmaw għal dawk l-istudenti taħt is-sittax-il sena; jew skont id-diskrezzjoni tal-għalliema
- Il-ġurnali għandhom jinżammu mill-istudent bħala portafoll
- Il-ġurnal huwa mezz ieħor ta' komunikazzjoni bejn il-ġenituri u l-għalliema

**PRATTIKA FID-DAR**

Hu fundamentali li ssir prattika tal-istrument fid-dar. Kemm l-istudenti kif ukoll il-ġenituri jridu jifhmu l-importanza tal-prattika u l-impenn meħtieġ. L-istudenti li jingaġġaw ruħhom fl-iskola huma mistennija li jipprattikaw KULJUM.

**PRATTIKA FL-ISKOLA**

- Studenti li jattendu l-iskola jistgħu jipprattikaw bla ħlas barra l-ħin tal-iskola wara konferma mill-għalliema rispettivi tagħhom u mill-uffiċċju ewlieni
- Studenti li ma jattendux l-iskola jridu jħallsu minimu ta' €10 kull 4 sigħat. L-appuntamenti għandhom isiru mal-uffiċċju ewlieni
- L-użu tal-bini wara l-ħinijiet tal-iskola huwa fid-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni

## XOGĦOL GĦAD-DAR/XOGĦOL TAL-KORS

- L-istudenti huma mistennija li kull ġimgħa jiġu għal-lezzjoni bix-xogħol għad-dar preparat sewwa
- Xogħol magħmul bi traskuraġni ma jiġix aċċettat
- It-tfal żgħar hemm bżonn li jiġu mħeġġa jagħmlu xogħolhom, u jista' jkollhom bżonn li xi ħadd joqgħod magħhom sakemm jistudjaw. L-għajnuna u l-koperazzjoni tal-ġenituri f'dan ir-rigward huma ferm apprezzati.
- Ix-xogħol tal-kors iġorr marki għall-assessjar ta' nofs is-sena u l-eżamijiet annwali

## KUNĊERTI/LAQGĦAT FI GRUPPI

Attendenza u parteċipazzjoni għall-kunċerti / laqgħat fi gruppi huma ferm inkoraġġuti. Dawn jiġu reġistrati fil-ġurnal u jġorru marki bħala parti mill-portafoll tal-istudent.

## INVOLVIMENT TAL-ĠENITURI

Dawn li ġejjin huma xi suġġerimenti ta' kif il-ġenituri/gwardjani jinvolvu ruħhom fl-edukazzjoni mużikali ta' uliedhom.

- Isimgħu lil uliedkom u nkoraġġuhom
- Għinuhom jakkwistaw il-kunfidenza
- Għinuhom jorganizzaw l-orarju tal-iskola sabiex isibu perjodu ta' ħin adattat għall-istudju tal-mużika. Idealment dan il-perjodu ta' ħin għandu jinżamm kuljum l-istess. L-istudenti jsibu li r-rutina twassal għat-tagħlim.
- Poġġu ħdejn it-tfal tagħkom waqt is-sessjoni tal-istudju. Tfal żgħar jeħtieġ jingħataw kuraġġ u appoġġ biex jistudjaw.
- Ħeġġuhom biex idoqqu silta mużikali meta jkollkom qraba/mistednin id-dar
- Akkumpanjaw lil uliedkom għall-kunċerti
- Ħudu gost tisimgħu l-mużika flimkien ma' uliedkom fuq Youtube jew fuq kanali speċjalizzati tat-TV. Għinuhom jagħżlu mużika relevanti għall-edukazzjoni mużikali.

Il-ġenituri jistgħu jidħlu fil-klassijiet waqt il-lezzjonijiet jekk mitluba mill-għalliema BISS.

Il-ġenituri jridu jimxu mad-direttivi tal-iskola rigward teħid ta' ritratti u tixrid ta' informazzjoni personali, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Evitaw li tikkritikaw l-għalliema jew id-direttivi tal-iskola quddiem it-tfal għax dan iwaqqa' s-sens ta' dixxiplina fl-iskola.

Tistaqsux l-għalliema għan-numru tat-telefon personali tagħhom. L-għalliema jistgħu jiġu kkuntattjati permezz tal-imejl.

Evitaw li tikkuntatjaw membri tal-istaff bit-telefon fi djarhom.

Evitaw li titlajjaw fil-kurituri.

Tfal żgħar għandhom it-tendenza li jinkwetaw meta l-ġenituri jiġu tard għalihom. Għalhekk ejjew fil-ħin biex tiġbruhom.

**JUM IL-ĠENITURI**

- Dan il-jum jinżamm wara l-assessjar ta' nofs is-sena, matul it-tieni term
- Id-dati jkunu indikati fuq il-kalendarju tal-iskola
- Il-ġenituri huma mitluba li jitkellmu mal-għalliema fl-istess ġurnata u fl-istess ħin tal-lezzjoni tat-tfal tagħhom.  Rigward il-lezzjonijiet tal-prattika, il-lezzjoni titkompla wara d-diskussjoni mal-ġenituri.

**KOMUNIKAZZJONI**

Jekk jogħġobkom żommu l-mezzi ta' komunikazzjoni mal-għalliema u l-amministrazzjoni miftuħa.

- Iċċekjaw il-ġurnali REGOLARMENT
- Iċċekjaw l- imejls tagħkom REGOLARMENT
- Iċċekjaw il-Bord tal-Avviżi tal-iskola REGOLARMENT
- Iċċekjaw il-websajt REGOLARMENT
- Iċċekkjaw il-midja soċjali REGOLARMENT

**Komunikazzjoni mal-għalliema**

- Darba fis-sena jsir formalment Jum il-Ġenituri
- Il-ġurnal jista' jkun mezz fejn jintbagħtu xi noti
- Jekk matul is-sena jkun hemm il-ħtieġa, l-għalliema tavviċinakom biex tiddiskutu xi problemi li jistgħu jinqalgħu
- Tistgħu titolbu għal appuntament

**Komunikazzjoni mal-Uffiċċju Ewlieni**

- Imejl: ara paġna 6
- Telefon/ mowbajl: ara paġna 6
- Ħinijiet tal-Uffiċċju: ara paġna 6

**Komunikazzjoni mal-Amministratur tal-Iskola**

- Ibagħtu bl-imejl mistoqsijiet dwar punti partikolari fuq: mary-ann.cauchi@ilearn.edu.mt
- Jekk meħtieġ, agħmlu appuntament billi tibagħtu imejl jew ċemplu l-uffiċċju ewlieni u agħtu r-raġuni għat-talba għal-laqgħa

**Tagħrif ieħor**

- L-istudenti/ġenituri huma mitluba jitolbu l-permess mill-Amministrazzjoni Ċentrali qabel ma jitkellmu/jiddiskutu ħwejjeġ relatati mal-iSkola tal-Mużika fuq mezzi soċjali stampati jew imxandra
- L-istudenti/ġenituri huma mitluba jitolbu parir qabel ma jipparteċipaw f'attivitajiet mużikali 'il barra mill-iskola. Hu rakkomandat li l-istudenti jinfurmaw lill-għalliema rispettivi tagħhom qabel jipparteċipaw f'attivitajiet simili.

**BŻONNIJIET SPEĊJALI**

- L-iSkola GĦANDHA tiġi nfurmata b'dawk l-istudenti li għandhom bżonnijiet speċjali jew kundizzjonijiet partikulari li jolqtu mhux biss it-tagħlim iżda wkoll is-saħħa
- Ġentilment avżaw l-uffiċċju tal-iskola kif ukoll lill-għalliema jekk uliedkom għandhom *Learning Support Assistant* fl-iskola li jattendu filgħodu
- Fejn hemm bżonn l-iskola titlob għal rapport relatat. B'hekk il-proċess tat-tagħlim tal-istudenti jitħaffef. Id-Dokumenti jridu jiġu aġġornati kull sena.

- L-iskola tagħmel dak kollu possibli biex tiffaċilita t-tagħlim għall-istudenti b'diffikultajiet anki permezz ta' lezzjonijiet individwali u adattament tax-xogħol tal-kors

**AKKUMPANJAMENT**

- Jekk l-istudent ma jkunx jista' jattendi fil-ġranet u fil-ħinijiet li fihom l-iskola toffri s-servizz ta' Akkumpanjament, l-istudentu ikollu jipprovdu hu l-Akkumpanjament meħtieġ minnu matul is-sena u għall-eżami annwali
- L-Akkumpanjament għal studenti tal-korda, tal-qasba u tar-ram jiġi offrut mill-Ħames Grad 'il fuq waqt il-lezzjonijiet tal-prattika.

**KOR**

Il-kor isaħħaħ il-*musicianship* tal-istudent. Din l-attività hi fakultattiva għall-studenti kollha minn 8 sa 13-il sena li jieħdu gost ikantaw. Il-membri tal-kor jiħtieġu li għallinqas ikunu laħqu l-Ewwel Grad fit-Teorija tal-Mużika jew fl-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika u jkunu jistgħu jattendu għall-provi darba fil-ġimgħa regolarment. Studenti li jattendu għal 80% tal-lezzjonijiet tul is-sena skolastika jingħataw ċertifikat ta' attendenza.

**ORKESTRA, BANED U ENSEMBLES**

L-għalliema jinkoraġġixxu lill-istudenti biex jingħaqdu mal-Orkestra tal-iSkola tal-Mużika Johann Strauss u ma' ensembles oħrajn meta jkun xieraq.

**LIBRERIJA**

Il-Librerija bħalissa hi magħluqa minħabba xogħlijiet li qed isiru.

- Ħinijiet ta' ftuħ: It-Tnejn u l-Ħamis mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m.
- Miftuħa għall-istudenti tal-iskola u l-istaff BISS
- Kotba / ġurnali jistgħu jiġu kkonsultati fil-librerija waqt il-ħinijiet tal-ftuħ biss
- Fotokopji (sa massimu ta' 10 paġni) jistgħu jiġu mitluba għall-prezz ta' 5ċ kull paġna

**SELF TA' STRUMENTI**

Jista' jagħti l-każ li minn żmien għal żmien ċerti strumenti jkunu disponibbli għall-kiri mill-istudenti li jattendu l-iskola kontra depożitu, li jingħata lura, ta' €200 u miżata annwali għall-manutenzjoni li tibda' minn €100. Dawn iridu jitħallsu bil-quddiem mal-kirja.

**KARTA TA' LEALTÀ *(Loyalty Card)***

L-istudenti kollha li jsegwu l-Kors ta' Studji Mużikali Regolari jistghu jixtru l-Karta ta' Lealtà.

Id-detentur tal-Karta ta' Lealtà hu intitolat għal:

- Biljetti bla ħlas għall-kunċerti tal-Malta Philharmonic ma' adult li jkun ħallas
- Biljetti bla ħlas għall-kunċerti tat-Teatru Manoel
- Roħs mill-ħwienet tal-mużika
- 50 paġna fotokopji (relatati mal-iskola JSSoM)
- Opportunitajiet oħra li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien

Termini u Kundizzjonijiet  japplikaw; dawn jistgħu jinbidlu skont il-bżonnijiet tal-iskola.

**L-ERJA TAL-ISTUDJU/STENNIJA**

- L-istudenti u l-ġenituri huma permessi jistennew BISS fl-ispazju / kamra speċifikata bħala erja ta' stennija u parti mill-kuritur fil-pjan terran
- Il-ġenituri mhumiex strettament permessi li jistennew fl-ewwel u fit-tieni sular
- Huwa apprezzat li jinżamm silenzju jew inkella kliem b'ton baxx ħafna sabiex l-istudenti jistgħu jikkonċentraw waqt li qed jagħmlu x-xogħol għad-dar fil-kamra tal-istudju
- L-erja ta' stennija għandha tinżamm nadifa u ordnata

**PUNTWALITÀ**

Il-lezzjonijiet huma konċiżi allura l-istudenti m'għandhomx jittardjaw.  Ma jingħatax permess biex studenti taħt is-sittax-il sena jitilqu kmieni sakemm ma jippreżentawx nota ffirmata mill-ġenituri.  Il-ġenituri huma ġentilment mitluba li jiġbru t-tfal tagħhom fil-ħin.

Jekk ikun hemm bżonn minħabba ċirkostanzi partikolari, il-ġenituri huma mitluba li jipprovdu kopja tal-karta tal-identità lill-iskola għal skopijiet ta' identifikazzjoni meta jkunu se jiġbru t-tfal tagħhom.

**MĠIBA**

- Manjieri tajbin bażiċi huma obbligatorji. Eż: waranofsinhar it-tajjeb; jekk jogħġbok; grazzi; tħabbat il-bieb qabel tidħol; tistenna bil-kwiet eċċ.
- L-istudenti huma mistennija li jkunu edukati u juru rispett f'kull ħin
- L-iskola titlob is-sapport tal-ġenituri meta tkun qed tittratta mal-imġiba tat-tfal tagħhom. Jekk jogħġobkom infurmaw l-amministrazzjoni tal-iskola jew l-għalliema b'xi diffikultajiet li l-istudenti jistgħu jkunu qed iġarrbu d-dar, jew b'xi trawma li tista' taffettwa t-tagħlim u'jew l-imġiba tagħhom fl-iskola.

**KODIĊI TA' LBIES**

L-istudenti għandhom jiġu l-iskola libsin xieraq. Dbielet qosra, xorts, jeans imqatta', lbies ta' ħdejn il-baħar, ċingi rqaq, halter necks u lbies ieħor indiċenti mhux permessi. Il-fwejjaħ għandhom jintużaw bil-galbu għaliex hemm persuni li huma allerġiċi.

L-ilbies għall-kunċerti u għall-eżamijiet għandu jkun xieraq kif indikat hawn fuq jew mill-għalliema.

Huwa obligatorju għall-istudenti tal-Introduzzjoni għall-Mużika u l-istudenti fil-Kor li għal-lezzjonijiet, provi, u kunċerti, u meta indikat mill-għalliema, jilbsu t-tixert iswed tal-iskola.

**UŻU TA' TELEFON ĊELLULARI**

L-uża ta' telefon ċellulari biex jintbagħtu messaġġi jew biex isiru telefonati MHUX permess waqt il-lezzjonijiet.

**NDAFA**

L-istudenti huma mistennija li jiġu l-iskola ndaf. Id-dwiefer għandhom jinżammu qosra (sakemm l-għalliema ma tordnax differenti) u ndaf. Ġentilment għallmu lit-tfal tagħkom

jaħslu idejhom bis-sapun u l-ilma qabel ma jiġu għal-lezzjoni (speċjalment dawk it-tfal li jużaw l-istrumenti tal-iskola). Meta jkollna idejna ndaf nevitaw it-tixrid tal-mikrobi.

**TIPJIP**

It-tipjip huwa STRETTAMENT projbit kemm ġewwa kif ukoll barra l-bini tal-iskola.

**IKEL U XORB**

- Ikel u xorb huwa permess BISS ħdejn id-distributuri, fl-erja tal-istennija u fil-btieħi
- L-għalliema għandhom ikunu infurmati b'xi allerġiji tal-ikel
- Ma jistax isir teħid ta' ikel waqt il-lezzjonijiet sakemm it-tfal ma jkollhomx kundizzjoni medika ċertifikata
- *Chewing gum* fil-klassi huwa projbit. Ilma BISS huwa permess fil-klassi. Alkoħol, birra, xorb ta' enerġija MHUMIEX PERMESSI fil-bini tal-iskola, ġewwa u barra.
- Imbarazz u skart ieħor għandu jintefa' u jintrema fil-kontenituri provduti apposta

**ANNIMALI DOMESTIĊI**

Annimali domestiċi mhumiex permessi fil-bini tal-iskola. L-amministrazzjoni tal-iskola tista' tagħti konċessjoni speċjali wara li tkun waslitilha xi talba.

**TAĦRIĠ F'KAS TA' NIRIEN**

L-istudenti kollha preżenti fl-iskola huma obbligati jikkoperaw fit-taħriġ li jinforma dwar x'għandu jsir f'kas ta' nirien fl-iskola. L-istruzzjonijiet mogħtija mill-għalliema għandhom ikunu segwiti f'kull ħin u l-proċeduri ta' sigurezza jkunu osservati.

**ASSENTEIŻMU**

- L-attendenza hi obligatorja
- Meta l-istudenti ma jkunux se jattendu għandhom jinfurmaw lill-iskola kmieni kemm jista' jkun jew għallinqas sagħtejn qabel il-ħin tal-lezzjoni b'SMS fuq in-numru tal-mowbajl +356 7924 2549 u jindikaw l-isem, kunjom, l-istrument u l-għalliema

ASSENTI DARBA – huwa mitlub SMS lill-iskola, jew nota mill-ġenitur.
ASSENTI DARBTEJN WARA XULXIN – jista' jintalab ċertifikat mediku (jew kopja taċ-ċertifikat mediku tal-iskola) li jkopri għallinqas lezzjoni waħda.
ASSENTI TLIET DARBIET WARA XULXIN – iwassal għat-tmiem tal-kors. Raġunijiet mediċi li huma ċertifikati jiġu kkunsidrati individwalment mill-amministrazzjoni.
NUQQAS TA' ATTENDENZA FREKWENTI – matul is-sena; jistgħu jiġu evalwati mill-amministrazzjoni u jistgħu jwasslu għat-tmiem tal-kors. Studenti li jattendu inqas minn 75% tal-lezzjonijiet ma jkunux eliġibbli li joqogħdu għall-eżami annwali u jkollhom il-kors tagħhom mitmum.

Studenti li jivjaġġaw barra minn Malta għal aktar minn ġimgħa għandhom jippreżentaw evidenza (eż. kopja tal-biljett tal-ajru) u jitolbu eżenzjoni permezz ta' imejl.

**MARD**

Studenti b'sinjali jew sintomi tal-influenza huma mitluba li joqogħdu d-dar sakemm jgħaddilhom. Jekk l-istudenti ngħataw mediċina kontra l-virus bħala kura, dawn għandhom joqogħdu d-dar sakemm jispiċċaw il-kors tal-kura. Din hija prekawzjoni biex ma tinxteridx l-infezzjoni. L-iskola tirriserva d-dritt li tibgħat l-istudenti lura d-dar jekk ikunu ma jifilħux. L-istudenti huma mħeġġa li jagħmlu reviżjoni u jipprattikaw meta jkunu tajbin biżżejjed biex jagħmlu dan.

**EŻENZJONIJIET**

- L-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika hija obligatorja għall-istudenti kollha sal-Grad Tmienja (MQF Livell 4)
- Dawk l-istudenti li jitolbu eżenzjoni milli jattendu għal-lezzjonijiet tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika jridu jippreżentaw iċ-Ċertifikat fil-Livell Avvanzat 2 tat-Teorija jew Ċertifikat tat-8 Grad fl-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika maħruġ mill-iSkola tal-Mużika Johann Strauss jew ekwivalenti maħruġ minn korp rikonoxxut

**RIŻENJI**

L-istudent / ġenitur / gwardjan għandhom jinfurmaw lill-amministrazzjoni u lill-għalliema billi jibagħtu imejl jew ittra ffirmata.

## ASSESSJAR U EŻAMIJIET

### Assessjar kontinwu

- Assessjar kontinwu  jsir matul is-sena kemm fil-lezzjoni tal-prattika u anke fl-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika
- Dan isir kull ġimgħa u jiġi reġistrat numerikament fil-ġurnal tal-istudenti kemm għall-prattika kif ukoll għall-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika
- Matul it-teorija tal-mużika, l-assessjar għax-xogħol tal-kors isir regolarment u assessjar għall-udit isir darba fix-xahar.  Il-marki, li huma maħsuba biex jagħtu indikazzjoni tal-progress tal-istudenti, jingħataw għax-xogħol magħmul id-dar kif ukoll l-esebizzjoni matul il-lezzjoni.
- L-assessjar kontinwu għandu valur ta' 20% tal-eżami annwali

### Assessjar tal-Prattika f'Nofs is-Sena

- Dan l-assessjar isir fi Frar / Marzu
- L-assessjar tal-prattika jsir waqt il-lezzjoni
- L-assessjar jinkludi skali, studji, biċċiet tal-mużika ttrattati matul is-sena, kif ukoll biċċa mużika li qatt ma ġiet trattata qabel
- L-ebda marka ma tingħata waqt dan l-assessjar imma l-karta tar-riżultat ikollha kummenti fuq is-sessjoni tal-prova u tkun tindika ċar jekk l-esebizzjoni tal-istudenti kinitx: "Tajba Ħafna", "Tajba", "Mhux Ħażin" jew "Mhux Sodisfaċenti"
- Ir-riżultati jkunu miktuba bl-idejn u jingħataw lill-ġenitur / gwardjan / l-istudent adult waqt jum il-ġenituri

### Assessjar tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika f'Nofs is-Sena

- Dan l-assessjar isir fi Frar / Marzu
- L-assessjar tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika jsir matul il-lezzjoni li tkun itwal fil-ħin jekk ikun  hemm bżonn
- L-assessjar jinkludi temi kif indikat mill-għalliema
- Marki li huma mogħtija waqt dan l-assessjar jinkludu 50% għall-eżami tal-kitba, 30% assessjar għall-udit u 20% għax-xogħol tal-kors
- Ir-riżultati jkunu miktuba bl-idejn u jingħataw lill-ġenitur / gwardjan / l-istudent adult waqt jum il-ġenituri

**Eżamijiet Annwali**

- Dawn huma obbligatorji għall-Kors ta' Studji Mużikali Regolari. Student jista' jitla' għall-grad li jmiss JEKK iġib marka ta' 65 li hija l-inqas marka biex wieħed jgħaddi mill-eżami annwali.
- L-eżamijiet tal-prattika jsiru f'Ġunju / Lulju
- L-eżamijiet tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika jsiru fl-aħħar ta Mejju / bidu ta' Ġunju
- Studenti li jitilfu l-eżami minħabba mard jridu jipprovdu ċertifikat mediku lill-uffiċċju tal-iskola. F'dan il-każ u meta huwa possibbli, tiġi offruta data alternattiva biex isir l-eżami fl-istess sessjoni ta' Ġunju / Lulju. F'ċirkostanzi remoti, l-istudenti jistgħu joqogħdu għall-eżami f'Ottubru tas-sena skolastika ta' wara.
- Studenti, li għal raġuni valida ma jistgħux joqogħdu għall-eżami annwali tal-prattika u jixtiequ jirrepetu s-sena, jridu jitolbu u jingħataw permess mill-Amministrazzjoni Ċentrali bi ftehim mal-għalliema
- Studenti, li għal raġuni valida, jitilfu l-eżami annwali tal-prattika u jeħtieġu li joqogħdu għall-eżami fis-sessjoni ta' Novembru ta' wara jridu jingħataw permess mill-Amministrazzjoni Ċentrali
- Studenti li jirrepetu sena u jerġgħu ma jgħaddux mill-eżami, jiġu awtomatikament irtirati

**Format u Markar**

- L-eżamijiet annwali tal-prattika huma mmexxija minn bord ta' 2 jew 3 eżaminaturi li jista' jinkludi eżaminatur intern jew estern maħtur mill-Bord tal-Istudji. L-għalliem tal-istudent jista' jidħol għall-eżami bħala osservatur.
- L-eżamijiet tal-prattika mill-Preliminarju sa sat-Tmien Grad jinkludu l-iskali u arpeġġi, tliet (3) biċċiet tat-test li waħda minnhom trid tindaqq mill-memorja, biċċa tal-mużika li qatt ma ġiet trattata qabel u assessjar kontinwu. Il-marki huma minn 100 - 80% għall-prattika u 20% għax-xogħol tal-kors (assessar kontinwu).
- Il-biċċiet tat-test għall-Preliminarju, Gradi 1, 2, 3, 4, 5 u 6 jistgħu jinxtraw mill-uffiċċju ewlieni tal-iskola; għall-gradi aktar għolja il-biċċiet tat-test jridu jinxtraw minn barra l-iskola. L-istudenti jiġu avżati f'Marzu dwar dan.
- L-eżamijiet tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika mill-Preliminarju sa Grad Tmienja jinkludu s-sillabu ittrattat matul is-sena. Il-marki huma minn 100 - 50% għall-eżami tal-kitba, 30% għall-assessjar tal-udit u 20% għax-xogħol tal-kors.

- L-inqas marka biex tgħaddi hija 65. Ir-riżultati jkunu kklassifikati kif ġej: Distinzjoni 85-100, Mertu 75-84, Tgħaddi 65-74, Inqas mill-marka li tgħaddi (fuq) 45-64, Inqas mill-marka li tgħaddi (l isfel) 0-44.
- Ir-riżultati jkunu miktuba bl-idejn u jiġu mibgħuta bil-posta

**Tul tal-Eżamijiet Annwali tal-Prattika**

| | |
|---|---|
| Preliminarju | 30 minuta |
| L-Ewwel Grad | 30 minuta |
| It-Tieni Grad | 30 minuta |
| It-Tielet Grad | 30 minuta |
| Ir-Raba' Grad | 40 minuta |
| Il-Ħames Grad | 40 minuta |
| Is-Sitt Grad | 45 minuta |
| Is-Seba' Grad | 45 minuta |
| It-Tmien Grad | 45 minuta |
| Diploma | ara paġna 24 |

**Tul tal-Eżamijiet Annwali tal-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika**

| | |
|---|---|
| Preliminarju | 60 minuta |
| L-Ewwel Grad | 90 minuta |
| It-Tieni Grad | 90 minuta |
| It-Tielet Grad | 120 minuta |
| Ir-Raba' Grad | 160 minuta |
| Il-Ħames Grad | 160 minuta |
| Is-Sitt Grad | 160 minuta |
| Is-Seba' Grad | 180 minuta |
| It-Tmien Grad | 182 minuta |
| Diploma | ara paġna 24 |

**Fallimenti**

- B'marka ta' falliment minn 45 sa 64 , l-istudent jitħalla jirrepeti s-sena
- Jekk jogħġobkom innutaw li dawk l-istudenti li jiksbu 44 marka jew inqas jiġu mitluba jħallu l-kors tal-mużika
- Fiż-żewġ każijiet, meta l-kors jiġi mitmum, l-istudenti ma jitħallewx jieħdu kors ieħor qabel ma jgħaddu tliet snin

Riżultati maħruġa mill-iskola huma finali u ma jistgħux jiġu kkontestati. Iżda, l-istudenti jistgħu jitolbu biex jirrevedu l-karta tal-eżami tal-Għarfien u l-Fehim tal-Miżika għall-finijiet edukattivi.

**ĊERTIFIKAZZJONI**

Student jiġi mgħoti ċertifikat li juri li jkun kiseb grad b'Distinzjoni, b'Mertu, jew Għadda, u l-livell skont l-MQF milħuq. Iċ-ċertifikati jinħarġu fis-sena skolastika segwenti.

**AKKREDITAZZJONI**

Il-korsijiet huma rikonoxxuti u akkreditati mill-*Malta Qualifications Council* kif ġej:

| **Prattika** | |
|---|---|
| Prep 1 u 2 + Preliminarju | MQF Livell 1 |
| Grad Wieħed + Grad Tnejn + Grad Tlieta | MQF Livell 2 |
| Grad Erbgħa + Grad Ħamsa | MQF Livell 3 (Livell O) |
| Grad Sitta + Grad Sebgħa + Grad Tmienja | MQF Livell 4 (Livell A) |
| Diploma fil-Prattika | MQF Livell 5 (Diploma) |

| **Għarfien u Fehim tal-Mużika** | |
|---|---|
| Preliminarju | MQF Livell 1 |
| Grad W0069eħed + Grad Tnejn + Grad Tlieta | MQF Livell 2 |
| Grad Erbgħa + Grad Ħamsa | MQF Livell 3 (Livell O) |
| Grad Sitta + Grad Sebgħa + Grad Tmienja | MQF Livell 4 (Livell A) |
| Diploma fil-Mużikoloġija | MQF Livell 5 (Diploma) |

**DIPLOMA**

L-iskola toffri żewġ korsijiet akkreditati fil-Livell 5 mill-MQF. Dawn huma:

- Diploma fil-Mużikoloġija
- Diploma fil-Prattika

**Struttura**

Il-korsijiet tad-diploma huma mfassla fuq sentejn u mibnija fuq taqsimiet speċjalizzati u obbligatorji kif jidher hawn taħt:

| Diploma fil-Mużikoloġija | | |
|---|---|---|
| L-Ewwel Sena | Taqsima Speċjalizzata: Armonija u Kontrapunt jew Riċerka u Editjar (tinkludi dissertazzjoni) | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 180 minuta |
| | Taqsima Obbligatorja: *Musicianship* jew Storja u Analiżi | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 120 minuta |
| It-Tieni Sena | Taqsima Speċjalizzata: Riċerka u Editjar jew Armonija u Kontrapunt | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 180 minuta |
| | Taqsima Obbligatorja: *Musicianship* jew Storja u Analiżi | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 120 minuta |

| Diploma fil-Prattika | | |
|---|---|---|
| L-Ewwel Sena | Taqsima Speċjalizzata: Prattika I | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 60 minuta |
| | Taqsima Speċjalizzata: *Chamber music I* | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 120 minuta |
| | Taqsima Obbligatorja: *Musicianship* jew Storja u Analiżi | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 120 minuta |
| It-Tieni Sena | Taqsima Speċjalizzata: Prattika II | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 60 minuta |
| | Taqsima Speċjalizzata: *Chamber music II* | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 120 minuta |
| | Taqsima Obbligatorja: *Musicianship* jew Storja u Analiżi | Lezzjoni fil-ġimgħa ta' 120 minuta |

**Assessjar u Piżijiet**

Il-metodu ta' assessjar u l-piż ta' persentaġġ għall-wasla tal-marka globali għal kull taqsima, huma kif ġej:

| Diploma fil-Mużikoloġija | | |
|---|---|---|
| **TAQSIMIET SPEĊJALIZZATI** | **Metodu ta' Assessjar** | **Piż ta' persentaġġ għall-wasla tal-marka globali** |
| **Riċerka u Editjar** | Eżami finali miktub ta' tul ta' 180 minuta u Dissertazzjoni/ proġett ta' tul bejn 5000 - 8000 kelma | L-Eżami piż ta' 30% u d-Dissertazzjoni/proġett piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |
| **Armonija u Kontrapunt** | Eżami finali miktub ta' tul ta' 180 minuta | L-Eżami piż ta' 30% fuq il-marka globali aħħarija |
| **TAQSIMIET OBBLIGATORJI** | | |
| **Musicianship** | Eżami finali miktub ta' tul ta' 120 minuta | Piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |
| **Storja u Analiżi** | Eżami finali miktub ta' tul ta' 120 minuta | Piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |

| | | |
|---|---|---|
| **Assessjar Kontinwu** | | Tittieħed medja fuq l-assessjar miksub fl-erba' taqsimiet. Din ikollha piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |

| Diploma fil-Prattika | | |
|---|---|---|
| **TAQSIMIET SPEĊJALIZZATI** | **Metodu ta' Assessjar** | **Piż ta' persentaġġ għall-wasla tal-marka globali** |
| **Prattika** | Prattika I Eżami Annwali:<br>Kunċert ta' 20 minuta li jinkludi silta mill-memorja (90%)<br>Noti tal-Programm (10%)<br><br>Prattika II Eżami Finali:<br>Kunċert ta' 25 minuta li jinkludi silta mill-memorja (90%)<br>Noti tal-Programm (10%) | Tittieħed medja tar-riżultat miksub fl-eżamijiet annwali u finali u din ikollha piż ta' 40% fuq il-marka globali aħħarija |
| ***Chamber Music*** | *Chamber Music* I Eżami Annwali:<br>Kunċert ta' 15-il minuta<br><br>*Chamber Music* II Eżami Finali:<br>Kunċert ta' 15-il minuta | Tittieħed medja tar-riżultat miksub fl-eżamijiet annwali u finali u din ikollha piż ta' 30% fuq il-marka globali aħħarija |
| **TAQSIMIET OBBLIGATORJI** | | |
| ***Musicianship*** | Eżami finali miktub ta' tul ta' 120 minuta | Piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |
| **Storja u Analiżi** | Eżami finali miktub ta' tul ta' 120 minuta | Piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |

| | | |
|---|---|---|
| **Assessjar Kontinwu** | | Tittieħed medja fuq l-assessjar miksub fl-erba' taqsimiet. Din ikollha piż ta' 10% fuq il-marka globali aħħarija |

Id-Diploma tinħareġ b''Distinzjoni', 'Mertu', u 'Għadda' skont il-marka globali aħħarija kif ġie: Distinzjoni (85%-100%), Metu (75% – 84%), Għadda (65% – 74%).

**Ħtiġijiet għad-Dħul**

<u>Diploma fil-Prattika – L-Ewwel Sena:</u> L-applikant għandu jkollu ċertifikati f'livell 4 tal-MQF kif ġej: Grad 8 (minimu Mertu) fil-Prattika tal-Mużika u Grad 6 fit-Teorija tal-Mużika jew fl-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika (mill-2016) maħruġa mill-iSkola tal-Mużika ta' Malta Johann Strauss, jew mill-Visual and Performing Arts School, ta' Għawdex.

<u>Diploma fil-Mużikoloġija – L-Ewwel Sena:</u> L-applikant għandu jkollu ċertifikati f'livell 4 tal-MQF kif ġej: Grad 8 (minimu Mertu) fit-Teorija tal-Mużika jew fl-Għarfien u l-Fehim tal-Mużika (mill-2016) u Grad 6 fil-Prattika tal-Mużika maħruġa mill-iSkola tal-Mużika ta' Malta Johann Strauss, jew mill-Visual and Performing Arts School, ta' Għawdex.

Fil-bidu tal-ewwel sena isir awdizzjoni/assessjar/intervista tal-parteċipanti kollha li jew ikollhom ċertifikat rikonoxxut mill-NCFHE, jew li jsostnu li jkunu laħqu l-livell meħtieġ iżda ma jkollhomx ċertifikat. Dan jikkonsisti f'silta magħżula mill-istudent, silta mogħtija mill-iskola, u silta li l-istudent jara għall-ewwel darba.

<u>It-Tieni Sena:</u> il-parteċipanti għandu jkollhom fil-pussess tagħhom marka li turi li għaddew b'suċċess mit-taqsimiet speċjalizzati u obbligatorji fl-ewwel sena tal-kors tad-Diploma.

**EŻAMIJIET TAL-PRATTIKA**

L-eżamijiet jinżammu f'Ġunju fi tmiem ta' kull sena skolastika. L-eżamijiet jistgħu ikunu jew ma jkunux kunċerti pubbliċi. L-eżamijiet jistgħu jsiru kemm ġol-iSkola u kemm f'postijiet oħra addattati. Il-bord aġġudikanti jkun magħmul mill-għalliem u żewġ eżaminaturi. L-eżaminaturi jistgħu jkunu interni jew esterni.

**Traskrizzjoni**

Tinħareġ traskrizzjoni maċ-ċertifikat tad-diploma. Din tkun tinkludi t-taqsimiet studjati, il-marki miksuba f'kull taqsima, l-ismijiet tas-siltiet esegwiti waqt il-kunċerti annwali tal-prattika u taċ-chamber music, isem id-dissertazzjoni fil-mużikoloġija, u l-involviment tal-ECTSs f'kull taqsima. Fuq talba u ħlas ta' €25, jistgħu jinħarġu kopji sħaħ jew parzjali tat-traskrizzjoni.

**Estensjonijiet u Eżenzjonijiet**

Student jista' jingħata permess iqassam il-kors tiegħu fuq tliet snin. Dan iżda hu fid-diskrezzjoni biss tal-Bord tal-iStudji.

Talbiet għal kull xorta ta' eżenzjoni jiġu kkunsidrati mill-Bord tal-iStudji. Id-deċiżjoni meħuda tkun finali.
Jekk student ikollu ħtieġa li jwaqqaf il-kors għal raġuni medika jew raġunijiet oħra meqjusa validi mill-Bord tal-iStudji, l-istudent jingħata l-fakultà li jkompli l-kors tiegħu kemm-il darba ż-żmien tal-waqfa ma jkunx ta' aktar minn sentejn.

**Fallimenti**

Fallimenti f'kull taqsima jiġu klassifikati f'żewġ gruppi: Fallimenti ta' Fuq (45%-64%) u Fallimenti t'Isfel (0%-44%). Studenti li jġibu marka misjuba fost dawk tal-Fallimenti t'Isfel ma jingħatawx permess jerġgħu joqgħdu għall-eżami u l-kors jiġi mitmum. Studenti li jġibu marka misjuba fost dawk tal-Fallimenti ta' Fuq jistgħu jerġgħu joqgħodu għall-eżami. Fallimenti f'żewġ moduli speċjalizzati fl-istess sena iwasslu minnufih għat-tmiem tal-kors.

Jekk student ifalli modulu jew żewġ moduli (speċifikament wieħed Speċjalizzat u ieħor Obbligatorju) huwa jingħata biss ċans wieħed li jerġa' joqgħod għall-eżami tagħhom qabel is-sena skolastika segwenti. Jekk ifalli xi wieħed minnhom mill-ġdid il-kors jiġi mitmum.

**Appelli**

Ma jiġu aċċettati ebda appelli. Ir-riżultati kollha huma finali. Iżda, l-istudenti jistgħu jitolbu lill-Bord tal-iStudji biex jaraw il-karti tal-eżami għall-finijiet edukattivi. Jekk it-talba tkun milqugħa mill-Bord tal-iStudji, il-karti jintwerew kontra ħlas ta' €25.

***Chamber Music***

L-iSkola tassenja l-gruppi ta' mużiċisti meħtieġa, biss jekk l-istudent ikollu xi preferenzi, għandu jissottometti l-proposti tiegħu lill-Bord tal-iStudji.

**Akkumpanjament**

Meta meħtieġ l-iskola toffri akkumpanjament fuq il-pjanu waqt il-lezzjonijiet tal-Prattika. Jekk l-istudent ma jkunx jista' jattendi l-lezzjonijiet meta l-akkumpanjatur ikun disponibbli, allura l-istudent ikollu jipprovdi hu stess l-akkumpanjatur tiegħu. L-istudenti li jixtiequ jkunu akkumpanjati minn pjanista misjub minnhom jistgħu jagħmlu dan dment li jkollhom l-approvazzjoni tal-għalliem tagħhom. Fiż-żewġ każi t'hawn fuq l-istudent hu obbligat jipprovdi l-akkumpanjatur tiegħu kull meta meħtieġ tul is-sena u għall-eżami annwali.

**Programmi u Dissertazzjonijiet**

Programmi għal kunċerti (recitals) u titli ta' dissertazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi lill-Bord tal-iStudji tal-iSkola sal-15 ta' Diċembru. Dawn ikunu proċessati sal-31 ta' Jannar. Programmi ta' kunċerti għandhom ikollhom repertorju varjat. Repertorju Malti hu inkoraġġuit ħafna. Deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tal-iStudji huma finali.

# ✍ Noti